DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2521

tal-20 ta' Diċembru 2022

li tikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Rumena tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(5) tiegħu,

Billi:

(1) B'riżultat tal-emenda tad-Direttiva 2003/96/KE bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/552 ([2]), il-verżjoni bil-lingwa Rumena tad-Direttiva 2003/96/KE fiha żbalji fl-Artikolu 2(1)(h), fit-tieni inċiż tal-Artikolu 16(1) u fl-Artikolu 20(1)(h) fir-rigward tal-esklużjoni tal-preparazzjonijiet kontra s-sadid li fihom l-ammini bħala kostitwenti attivi u s-solventi u t-tinners inorganiċi komposti għall-verniċ u prodotti simili, jekk dawn il-prodotti huma intenzjonati għall-użu bħala karburant li jsaħħan jew karburant tal-karozzi u l-komponenti tagħhom prodotti mill-bijomassa.

(2) Il-verżjoni bil-lingwa Rumena tad-Direttiva 2003/96/KE għalhekk jenħtieġ li tiġi kkoreġuta skont dan. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati.

(3) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar id-Dazju tas-Sisa,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

(ma japplikax għal-lingwa Maltija)

([1]) ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/552 tas-6 ta' April 2018 li taġġorna r-referenzi fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tal-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda għal ċerti prodotti (ĠU L 91, 9.4.2018, p. 27).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN